MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

# 9 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 23

**It-Tnejn, 28 ta' Settembru, 2020**

Il-Laqgħa saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq il-Kbira San Ġużepp fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |
| Dott. Darren Carabott | Kunsillier |
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Ħadd

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

## 23.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

F'din il-laqgħa ma kienx hemm ittri t'apoloġiji

## 23.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.

## 22.2.1 Approvazzjoni tal-Minuti

Minuti tat-22 laqgħa ġew approvati unanimament

## 23.2.2 Korrezzjonijiet

**23.2.2.1** Minuta 22.5.2 – “mandate” issir “mandat”

Tiżdied Minuta 22.5.3 - Dott. Carabott talab lis-Sindku fuq informazzjoni dwar il-progress fit-tisqif tal-mini ta' Triq Reġjonali
Is-Sindku nforma lil Dott. Carabott li saru diskussjonijiet informali mal-Ministru konċernat.

Tiżdied minuta 22.5.4 - Dott. Carabott wara l-artiklu li kien hemm fuq l-iskema tal-*bottle refund scheme* ried ikun jaf kif il-Kunsill ser jipproċedi.
Is-Sindku infurmah li l-kuntratt tal-ġbir tal-iskart irriċikabbli ser jiskadi fi żmien li ġej u għaldaqstant l-ewwel ser issir diskussjoni maż-żewġ kuntratturi Green MT u Green u l-Kunsill jara x’jistgħu joffru. Is-sindku qal li fil-laqgħat li ġejjin ser ikun f’pożizzjoni li jkellem jiddiskuti mal-Kunsill bil-pakketti li dawn il-Kuntratturi ser ikunu qeghdin joffru.

Minuta 22.5.3 issir Minuta 22.5.5

## 22.3 Punti mqajjma mill-minuti

## 21.3.1 Minuti 19.1

**22.3.1.1** Minuta 21.3.1.1 – Is-Sindku informa lill-Membri fuq iż-żona pedonali li l-ħlas ser isir mir-Reġjun u wara li jsir l-istudju ser jiġu identifikati ż-żoni.

**22.3.1.2** Minuta 21.3.2.1 – Is-Sindku informa lill-membri dwar l-Użu ta’ Fondi mill-*European City Facility* fejn l-AKL infurmawh li l-fondi ser ikunu allokati ghal dawk l-applikazzjonijiet fejn ser issir riċerka ta’ studju u mhux biex isiru proġetti. Għaldaqstant il-Kunsill ma jistax jibbenifika minnhom.

**22.3.1.2** Minuta 21.3.3.1 - Is-Sindku informa lill-membri li fil-Kunsill, għal darb’oħra saret laqgħa mas-Sur Schillaci (raġel ta Linda Renda) dwar il-proġett tal-Palazz l-Aħmar fejn miegħu preżenti kellu impjegat sabiex iservi ta’ narratur. Huma infurmaw lill-Kunsill li l-pożizzjoni finanzjarja tagħhom mhix fluwida u għaldaqstant issuġġerixxu sabiex il-Kunsill iħallas nofs il-pagament sabiex b’hekk dawk il-flus li il-Kunsill iżomm iservu bħala garanzija. Is-Sindku qal li l-avukat tal-Kunsill qabel ma din il-proposta minħabba l-fatt li fadal pagamenti oħrajn li l-Kunsill irid iħallas u għaldaqstant il-Kunsill jista’ ma jħallasx qabel ma ix-xogħol ikun tlesta. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel ma din il-proposta.

**22.3.1.3** Minuta 21.7.6 - Is-Sindku talab lis-Sur Joe Vella kif sejjer fuq il-proċess tad-direttorju tan-negozji. Is-Sur Vella informa lill-membri li l-process beda u intlaqa’ tajjeb ħafna.

**22.3.1.4** Minuta 21.11.1 - Dott Carabott informa lis-Sindku u lill-membri li l-ispiża għal sitt "beehives" titla' għal madwar €3,350. Wara diskussjoni l-membri qablu sabiex issir laqgħa fuq il-post fejn preżenti għandu jkun hemm ukoll il-Perit tal-Kunsill.

**22.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**22.4.1** Is-Sindku informa lill-membri dwar xogħol infrastrutturali li ser isir fi Triq il-Kanun k/m Triq il-Parroċċa fejn il-Kunsill kien ġie notifikat b'permezz ta' RWP1-1740/20 liema xogħol kien ser jagħmlu l-Kunsill Lokali li iżda wara xi laqgħat għadda għand *Infrastructure Malta*.

**21.4.2** Is-Sindku informa lill-membri li x-xogħol ta' asfaltar li qed isir minn *Infrastructure Malta* fi Triq Vincezo Bugeja l-Ħamrun ser jibqgħu għaddejjin bl-asfaltar ukoll fl-istess triq pero parti mill-konfini ta' Santa Venera.

**22.4.3** Is-Sindku informa lill-membri li rċieva komunikat mingħand familja li toqgħod fi Triq San Ġorġ, il-parti ta' fuq, fejn qed jinfurmaw lill-Kunsill dwar il-problema li għandhom fis-sistema tad-drenaġġ. Is-Sindku qal li hu kien ser jitkellem ma *Infrastructure Malta* fuq din il-problema fejn qiegħed jissuspetta li dawn il-familji ma kienux biddlu is-sistema tad-dranaġġ meta kienet qed isir l-imsemmjia triq. Huwa kompla billi qal li l-Perit kien iċċertifika ix-xogħol li sar.

**22.5 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera**

**22.5.1** Dott Darren Carabott bagħat kommunikazzjoni lill-Kunsill sabiex is-Sindku jaghti informazzjoni fuq ix-xogħolijiet li qed isiru u li huma għaddejin fi Triq il-Brunżar (mistoqsija annessa).

Is-Sindku, infurmah li din l-informazzjoni kien diġa ikkomunika fuqha fil-laqgħa preċedenti.

**22.5.2** Dott Darren Carabott staqsa ukoll sensiela ta' mistoqsijiet rigward iż-żamma tal-indafa (mistoqsija annessa).

Is-Sindku infurmah li l-Kunsill Lokali fadallu mandat ta' 4 snin oħra fejn matulhom irid jatwa l-Pjan ta' Ħidma li kien ġie approvat mill-istess Kunsill Lokali.

Waħda mill-inizzjattivi li ġiet proposta li jittieħdu hija dik li jitneħħew il-Bins on Wheels u dan sabiex jibqa jinżamm il-kunċett dwar ir-riċiklaġġ.

Hemm ħsieb ukoll li jiżdiedu s-CCTVs, iżda dawn waħedhom mhumiex biżżejjed.

Footages ta' diversi CCTVs inġabru kważi minn kull sit u ċ-ċitazzjonijiet maħruġa kienu meta r-rimi sar b'użu ta' vettura. Tressqu ukoll diversi footages lil pulizija.

Is-Sindku saħaq li hemm bżonn li mal-kuntratt li jmiss tal-knis jiżdiedu l-ammont ta' kenniesa iżda dan ovvjament irid ikun hemm allokazzjoni addattata għal dan.

22.5.3 Dott. Carabott talab lis-Sindku fuq informazzjoni dwar il-progress fit-tisqif tal-mini ta' Triq Reġjonali

Is-Sindku nforma lil Dott. Carabott li saru diskussjonijiet informali mal-Ministru konċernat.

22.5.4 Dott. Carabott wara l-artiklu li kien hemm fuq l-iskema tal-*bottle refund scheme* ried ikun jaf kif il-Kunsill ser jipproċedi.

Is-Sindku infurmah li l-kuntratt tal-ġbir tal-iskart irriċikabbli ser jiskadi fi żmien li ġej u għaldaqstant l-ewwel ser issir diskussjoni maż-żewġ kuntratturi Green MT u Green u l-Kunsill jara x'jistgħu joffru. Is-sindku qal li fil-laqgħat li ġejjin ser ikun f'pożizzjoni li jkellem jiddiskuti mal-Kunsill bil-pakketti li dawn il-Kuntratturi ser ikunu qeghdin joffru.

**22.5.5** Is-Sur Joe Vella staqsa fuq il-possibilta li s-servizz tal-Ġbir tal-Iskart Goff jiġi estiż ukoll għan-negozji (mistoqsija annessa).

Is-Sindku wieġeb li fil-preżent, fil-kuntratt li ġie ffirmat dan l-aħħar, il-kuntratt jgħajjat biss għal ġbir minn djar u mhux mingħand in-negozji.

**22.6 Rapporti / Korrispondenza**

**22.6.1** Is-Sindku informa lill-membri dwar il-Premju Anzjanità Attiva li hija inizzjattiva tas-Segretarju Parlamentari għal Anzjanita' Attiva u Persuni b'Diżabbilta'. L-applikazzjoni tagħlaq fit-30 ta' Settembru. Wara diskussjoni is-Sindku ssuġġerixxa sabiex għal din is-sena l-Kunsill jinnomina lis-Sur Albert Cassar għaliex huwa persuna attiva fil-komunita', fil-parroċċa u huwa ukoll qrib l-anzjani.

Il-Membri qablu unanimament.

**22.6.2** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva mingħand l-*Active Agency SCSA* kuntratt sabiex ikun iffirmat mill-Kunsill biex iċ-Ċentru ta' Matul il-Jum ikun regolat. Is-Sindku qal li qed iġib aktar informazzjoni qabel ma wieħed jorbot il-Kunsill b'dan il-kuntratt.

Il-Membri qablu unanimament.

**22.6.3** Is-Sindku informa lill-membri dwar r-regoli l-ġodda li l-BOV għamlu li b'hekk kull Kunsill irid jattwa. F'dan ir-rigward is-Sindku qal li l-pagament li jsiru mill-Kunsill, eventwalment ser isiru bl-*on-line banking* sabiex b'hekk jitnaqqsu l-ħruġ taċ-ċekkijiet għax bil-proċeduri l-ġodda l-Kunsill ikun irrid iħallas kontribuzzjoni addizzjonali ta' €1 għal kull ċekk li jinħareġ.

Inġibdet ukoll l-attenzjoni li l-Kunsill Lokali ġie mitlub mid-Dipartiment sabiex jinfetaħ kont separat sabiex jiġi speċifikament utilizzat biss għad-depositi ta' ħlasijiet ta' ċitazzjonijiet, ta' ċnus, etc.

Il-Membri qablu unanimament

**22.6.4** Is-Sindku informa lill-membri li ftit tal-ġranet ilu kellu laqgħa mas-Sur Joseph Tabone dwar Triq Ċikku Portanier fejn għal din il-laqgħa kien preżenti wkoll id-Deputat Segretarju Eżekuttiv u l-Avukat tal-Kunsill sabiex l-imsemmija triq ma tibqax fis-sitwazzjoni li tinsab illum. Is-Sur Tabone ikkonferma li bħalissa ix-xogħol fuq il-binja jinsab wieqaf minħabba li hu stess fetaħ kawża kontra l-kuntrattur. Waqt din il-laqgħa ġie deċiż li ser tkun iffirmata dikjarazzjoni legali fejn is-Sur Joe Tabone, b'mod temporanju jagħmel il-konkos sabiex ir-residenti jkunu jistgħu jipparkajw il-karozzi iżda wara li jitlesta ix-xogħol tal-bini is-Sur Tabone ser ikun qieghed jagħmel l-asfatlar tat-triq min-naħa sa oħra.

Wara diskussjoni il-Membri qablu unanimament.

**22.6.5** Is-Sindku informa lill-membri li s-sejħa għall-post ta' Segretarju Eżekuttiv għalqet u applikaw ħames persuni fejn l-applikanti kollha mhumiex eliġibbli minħabba l-fatt li dawn ma jinsabux fil-lista tal-pool tas-Segretarji prospettiv.

**22.6.6** Is-Sindku informa lill-membri li irċieva kommunikazzjoni fuq Triq Braille, waħda sabiex tineħħa l-i*sleeping policeman* minn quddiemhom u petizzjoni sabiex titpoġġa oħra simili fil-viċinanzi tagħhom. F'dan ir-rigward, is-Sindku ssuġġerixxa sabiex titneħħa r-*road hump* li hemm fil-viċinanzi ta' residenza 12A bil-possibilta' li tiġi trasferita' fejn qed ikun mitlub. Biex isir dan trid issir talba lil TM.

Il-Membri qablu unanimament

**22.6.7** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill ġab il-kwotazzjonijiet sabiex jinxtraw bins bil-waste serperation sabiex dawn jitpoġġew fi ġnien Romeo Romano.

Wara diskussjoni il-Kunsill unanimament qabel sabiex jinxtraw il-bins tal-kwotazzjoni tas-Sur Anton Zarb fejn l-istess bins jikkumplimentaw l-għamara li hemm fl-istess ġnien.

## 22.7 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 22.7.1 Regolamenti – Ġieħ / Mertu Santa Venra 2020

Is-Sindku informa lill-membri li għal din is-sena hu tal-fehma li r-regolamenti tal-Ġieħ / Mertu Santa Venera ma jinbidlux. Huwa ssuġġerixxa li għandhom jibdew isiru laqgħat mal-Għaqdiet tal-Lokal sabiex nisimgħu l-proposti tagħhom u wara konsultazzjoni mal-Bord tal-għażla, tittieħed deċiżjoni.

Il-Membri qablu unanimament

Is-Sindku qal ukoll li din is-sena l-attivita' ma tistax issir bħas-snin preċedenti minħabba is-sitwazzjoni tal-COVID19. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-attivita' issir fuq skala iżgħar u deċiżjoni finali dwar il-format tagħha tittieħed lejn l-aħħar t'Ottubru.

Il-Membri qablu unanimament

Is-Sur Vella talab lis-Sindku sabiex din is-sena jingħata rikonnoxximent lill-frontliners li jgħixu f'Santa Venera li ħadmu qatigħ matul dawn l-aħħar xhur f'din il-panedmija. Wara diskussjoni il-membri qablu li l-aħjar jinkiteb ringrazzjament lill-frontliners fuq il-paġna ta' facebook tal-Kunsill sabiex b'hekk ma jinqabeż ħadd peress li l-Kunsill m'għandux lista dettaljata ta' min huma l-frontliners kollha.

Il-Membri qablu unanimament

**22.7.2** ***European Mobility Week***

Is-Sindku informa lill-membri dwar il-Europena Mobility week -Permanent Sustainable Mobility Measures Competition fejn għal din l-iskema jrid jinħoloq proġett permanenti fejn ir-rebbieħ jieħu €50K u r-runner-up jieħu €30K. Din l-applikazzjoni tagħlaq fit-28 ta' Settembru. F'dan ir-rigward is-Sindku qal li saret laqgħa minn TM fejn għal din il-laqgħa attenda is-Sur Gianluca Falzon u ghaldaqstant is-Sindku qal li jekk il-membri jaqblu kien ser jitlob lis-Sur Falzon sabiex jagħmel proposta fuq proġett biex b'hekk il-Kunsill ikun jista' japplika għal din l-iskema.

Il-Membri qablu unanimament

## 23.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati

F'din il-laqgħa ma ġewx preżentati minuti tas-sotto-Kumitati.

.

## 22.9 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-Iskeda tal-pagamenti ġiet diskussa u approvata.

Skeda ta' pagament: Proponent: Silvio Vella u Sekondant: Kursten Dimech

## 23.10 Ilmenti

**23.10.1** Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 629 sa 785.

| | |
|---|---|
| 629 | WSC |
| 634 | Ħaddiema Assenjati |
| 652 | Mhux postu hemm |
| 654 | Contracts Manager |
| 657 | Infrastructure Malta |

| | |
|---|---|
| 658 | 1. Mhux min-naħa tal-Kunsill<br><br>2. Tintbgħat email lil LESA |
| 659 | Xogħol li jrid isir minn Central Asphalt. Flus miżmuma |
| 663 | Logografix |
| 667 | Issir waħda |
| 671 | Tranport Malta |
| 677 | Contracts Manager |
| 678 | Transport Malta |
| 679 | Trid issr petizzjoni |
| 694 | Issir it-triq u l-ilma jaqleb naħa l-oħra |
| 704 | Grima & Sons |
| 705 | Tranport Malta |
| 709 | Central Asphalt |
| 710 | Ħaddiema Assenjati |
| 716 | Work Order |
| 718 | Contracts Manager |
| 721 | Hemm korrispondenza għaddejja |
| 729 | Contracts Manager |
| 731 | Ħaddiema Assenjati |
| 782 | Ħaddiema Assenjati |
| 783 | Mica Med |
| 784 | TM |
| 785 | Grima & Sons |

## 23.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fid- 9.30 pm u ġiet aġġornata għas-26 ta’ Ottubru 2020, fis-6.30pm

Stephen Sultana — Michael Mifsud
Sindku — Deputat Segretarju Eżekuttiv

Konfermati, illum 31 t’Awwissu, 2020